



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 203/24

Il-Lussemburgu, 19 ta' Diċembru 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi magħquda C-244/24 | [Kaduna] <sup>1</sup> u C-290/24 | [Abkeż] <sup>2</sup>

### Protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukraina: Stat Membru li jkun estenda din il-protezzjoni għal ċerti kategoriji ta' persuni, lil hinn minn dak li jeħtieġ id-dritt tal-Unjoni, jista' jirtira l-imsemmija protezzjoni mingħajr ma jistenna tmiem il-protezzjoni temporanja mogħtija skont id-dritt tal-Unjoni

L-awtoritajiet Olandiżi kienu inizzjalment iddeċidew li jestendu għal ċerti kategoriji ta' persuni li ma humiex koperti mid-dritt tal-Unjoni l-mekkaniżmu ta' protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukraina. Sussegwentement, dawn l-awtoritajiet iddeċidew, madankollu, li jirtiraw il-benefiċċju ta' din il-protezzjoni fakultattiva. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma li f'każ bħal dan, Stat Membru jista', bħala prinċipju, ineħħi l-benefiċċju tal-protezzjoni temporanja lil dawn il-persuni qabel ma l-protezzjoni temporanja mogħtija skont id-dritt tal-Unjoni tkun ġiet fi tmiemha. Madankollu, sakemm din il-protezzjoni fakultattiva tibqa' fis-seħħ, dawn il-persuni ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn.

Fl-2022, wara l-invażjoni tal-Ukraina mill-forzi armati Russi, l-Unjoni Ewropea implimentat mekkaniżmu ta' protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukraina. <sup>3</sup> Dan il-mekkaniżmu Ewropew japplika b'mod obbligatorju: i) għaċ-ċittadini Ukraini, ii) għall-persuni apolidi u għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu bbenefikaw minn protezzjoni internazzjonali, iii) għall-membri tal-familja ta' dawn iż-żewġ kategoriji u iv) għall-persuni apolidi u ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma humiex l-Ukraina li jkollhom permess ta' residenza permanenti fl-Ukraina u li ma jkunux jistgħu jirritornaw fil-pajjiż jew fir-reġjun ta' oriġini tagħhom f'kundizzjonijiet siguri u stabbli.

Madankollu, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jestendu din il-protezzjoni temporanja għal kwalunkwe kategorija oħra ta' persuni spostati mill-Ukraina għall-istess raġunijiet.

Inizzjalment, l-awtoritajiet Olandiżi taw il-benefiċċju tal-protezzjoni temporanja lil dawk kollha li kellhom permess ta' residenza Ukrain, inkluż dik temporanja. Sussegwentement, dawn l-awtoritajiet iddeċidew, madankollu, li jillimitaw tali protezzjoni għal kategorija ta' persuni iktar ristretta, jiġifieri dawk li kellhom permess ta' residenza permanenti Ukrain. Diversi persuni li ma kellhomx tali permess ta' residenza permanenti, iżda li kienu diġà ngħataw **protezzjoni temporanja fakultattiva** fil-Pajjiżi l-Baxxi, adixxew lill-qrati Olandiżi.

Il-Kunsill tal-Istat Olandiż, kif ukoll il-Qorti ta' Den Haag, sedenti f'Amsterdam, għamlu xi domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-possibbiltà, għal Stat Membru, li jtemm il-protezzjoni fakultattiva mogħtija f'dan il-kuntest, u dwar kif dan jista' jsir.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-mekkaniżmu ta' protezzjoni temporanja u immedjata, li huwa manifestazzjoni tal-prinċipju ta' solidarjetà u ta' tqassim ġust tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-politika tal-ażil, huwa ta' natura eċċezzjonali u għandu jkun irriżervat għall-każijiet ta' influż bil-massa ta' persuni spostati.

F'dan il-kuntest, Stat Membru li jkun ta **protezzjoni temporanja fakultattiva lil kategorija ta' persuni jista', bħala prinċipju, ineħħi lil dawn il-persuni l-benefiċċju ta' din il-protezzjoni**. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu t-tul tal-protezzjoni temporanja fakultattiva li huma jagħtu, kemm-il darba din tal-aħħar ma tibdiex qabel u ma tispiċċax wara l-protezzjoni temporanja mogħtija mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

Barra minn hekk, dan l-Istat Membru huwa obligat jagħti lill-benefiċjarji tal-protezzjoni temporanja fakultattiva permess ta' residenza li, sakemm ma titneħħielhomx din il-protezzjoni, jippermettilhom jirrisjedu fit-territorju tagħhom.

Dan ifisser li, sakemm dawn il-persuni jibqgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni temporanja fakultattiva, huma jkunu qegħdin jirrisjedu b'mod regolari fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat. Huma ma jistgħux, għalhekk, ikunu s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn qabel ma l-Istat Membru kkonċernat ikun temm din il-protezzjoni fakultattiva.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, jekk ikun il-każ, is-sunt](#) jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

**Ibqgħu konnessi!**



<sup>1</sup> L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Huwa ma jikkorrispondi għal ebda isem reali ta' parti fil-proċedura.

<sup>2</sup> L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Huwa ma jikkorrispondi għal ebda isem reali ta' parti fil-proċedura.

<sup>3</sup> [Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill \(UE\) 2022/382](#) tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukraina skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja.